**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 61/07**
Il-Ġimgħa 27 ta' Jannar 2017 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | *Skużat* |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | *Skużat* |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

---

**AĠENDA**

61.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
61.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
61.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
61.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
61.5 Rapporti ;
61.6 Performance Bonus għas-sena 2016 :
- *Segretarju Eżekuttiv*
- *Uffiċċjal Eżekuttiv*
- *Assistent Skrivan Nru. 1*
- *Assistent Skrivan Nru. 2*
- *Assistent Skrivan Nru. 3*

61.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
61.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
61.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;
61.9 Mozzjonijiet; u
61.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

.

**TALBA**
**IL-Viċi Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa peress li s-Sindku kien avża li kien ser jittardja.**

**61.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia**

i. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li s-Sindku kien bgħat li kien ser jittardja minħabba *delay* fit-tijijra. — Ittri ta' Apoloġija

i.i Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li anke l-Kunsillier Luke Genuis kien bgħat jinfurmaha li aktarx ma kienx ser jattendi peress li nqalatlu emerġenza ta' malajr.

i.i Il-Kunsill ħa nota u approva li s-Sindku Paul Farrugia ui l-Kunsillier Luke Genuis ikunu skużati.

**61.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

i. Il-Minuti tal-Laqgħa nru. 60/07 tal-15 ta' Diċembru 2016 fil-5:00pm, ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mill-Viċi Sindku s-Sur Keith Darmanin u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

**61.3 Komunikazzjoni mis-Sindku *(Peress li s-Sindku kien għadu ma wasalx din saret mill-Viċi Sindku)***

i Il-Viċi Sindku Keith Darmanin staqsa lis-Seg. Eek. sabiex tinforma lill-Kunsill jekk kienx hemm tibdil fil-każ tal-Kuntrattur VELLA GROUP LTD. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li s-sitwazzjoni f'dan il-każ kienet għada l-istess u li l-Avukat tagħna kien qed ikollu diffikulta sabiex jagħmel kuntatt mal-kuntrattur għaliex ma kienx qed iwieġbu. — Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

i.i Il-Kunsillier Lawrence Bonavia rrimarka li l-Kunsill ma setax jibqa' għaddej f'din is-sitwazzjoni għaliex fl-aħħar mill-aħħar dan ifisser flus fuq l-Account tal-Kunsill.

i.i.i Is-Seg. Eżek. spjegat li għalkemm hemm valuri li l-Kunsill qed jikkontesta, ma kienx possibli li dawk l-ammonti li l-Kunsill qed jikkuntesta jintużaw għall-proġetti oħra. Wara kollox l-invoice hija li hija u li jekk fil-futur ikun hemm xi kawża u l-Qorti tiddeċiedi mod ieħor, il-Kunsill ikun obbligat li jħallas dawk l-ammonti fit-total tagħhom.

i.ii Hawnhekk il-Kunsillier Bonavia staqsa lis-Seg. Eżek. jekk per eżempju kuntrattur jippreżenta invoice ta' nofs miljun Ewro jekk allura kenitx ser twarrab in-nofs miljun mill-fondi tal-Kunsill?

i.ii.i Is-Seg. Eżek. weġibtu li l-argument tiegħu ma kienx ireġi għaliex għalhekk kien hemm il-verifikazzjoni tal-Perit. U fil-każ attwali tal-Kunsill kien hemm il-firma tal-Perit tagħna u l-każ kollu fuq dan il-Kuntrattur kien inqala' għaliex wara konna ndunajna li suppost kellhom jitnaqssu eluf ta' ewro fi credit notes mill-WSC u GO.

i.iii Hawnhekk il-Kunsillier Bonavia talab lill-Viċi Sindku jkompli filwaqt li kkummenta li "wara kollox għalxejn għax inti qiegħed hemmhek b'mod temporanju u bqajna l-istess".

ii. Rigward il-każ ta' vandaliżmu li kien sar fuq il-gazebo fi Ġnien Veliko Turnovo, il-Viċi Sindku talab lis-Seg. Eżek. biex tirraporta x'kien ġara. — Vandaliżmu – Ġnien Veliko Turnovo

ii.i Is-Seg. Eżek. rrapurtat li s-Sindku kien deher u xehed fil-Qorti allura kien aħjar li l-Kunsill jistenna lilu jirraporta eżattament x'kien ġara.

iii. Rigward it-turf tal-ground 5 aside il-Viċi Sindku talab lis-Seg. Eżek. tinforma lill-Kunsill id-data preċiża tal-appell. u li kellu jinstema' f'Jannar 2017. — Turf tal-ground 5 aside

iii.i Is-Seg. Eżek. nfurmat li l-Appell kien ser jinstema' nhar il-31 TA' JANNAR 2017. — Appell

iv. Rigward il-każ ta' Triq Betta, is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li żewġ *bollards* kienu ġew ordnati sabiex it-triq tingħalaq min-naħa ta' fejn l-għassa u dak hekk kif kien deċiż fil-laqgħat — Traffic Management

preċedenti **Mozzjoni Nru 59/01.**

v. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li fir-rigward ta' Triq B'bugia hekk kif kien deċiż fl-aħħar laqgħa f'**Mozzjoni Nru. 59/02,** issa li x-xogħol tlesta, fil-parti fejn hemm il-ħanut tal-confectionery, quddiem il-bieb tal-store ta' dan il-Confectionery il-*bay* ser issir un/loading filwaqt li quddiem il-bieb tal-ħanut ser issir bajda. Ser issir ukoll tabella fejn turi li l-*parking* huwa riservat għal 4 siegħat filgħodu u 4 siegħat wara nofsinhar. — Triq B'Bugia

vi. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li kienet reġgħet ippruvat tkellem lill-Perit filwaqt li kienet kelmitha s-Segretarja tiegħu u qaltilha li fir-rigward DNO fuq l-*embellishment* ta' l-area fi Triq Kurunell Mass kien għadu qed jiċċekkja. — Ġnien Kurunell Mass

vii. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li l-avukat qalilha li l-inċident fuq il-monument tal-vittmi tal-gwerra qatt ma ġie ikklejmjat. Il-Kunsillier Frans Agius ssuġġerixxa biex f'dan il-każ l-avukat għandu jiggwidana x'passi iktar nistgħu nieħdu. Sadanittant il-Kunsillier Lawrence Bonavia b'żieda ma' dan ssuġġerixxa li jekk l-avukat jissuġġerixxi x'passi ulterjuri nistgħu nieħdu, is-Sindku flimkien mas-Seg. Eżek. għandhom imexxu mingħajr ma joqgħodu jistennew laqgħa oħra għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill b'mod unanimu qabel ma' dawn iż-żewġ suġġerimenti. — Inċident monument – Avukat UNTOURS

viii. Dwar il-meter ta' Ġnien Ovindoli s-Seg. Eżek. li sad-data u ħin tal-laqgħa ma kienet waslet ebda risposta mill-PA. — Meter Ġnien Ovindoli

ix. Fir-rigward tax-xogħol fuq Triq San Franġisk, li kien tlesta, Il-Kunsilliera Doris Vella staqsiet għaliex ix-xogħol fuq it-triq ma baqax għaddej sa' ġewwa nett. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia wieġeb li ladarba din ma nfetħitx sinjal li kien hemm raġunitjiet validi. — Xogħol mit-TM fi Triq San Frangisk

x. Rigward il-*bins* mitluba mill-Iskola St Thomas Moore fl-inħawi barra l-entratura tal-Iskola kif ukoll *bins* tar-riċiklaġġ ġewwa l-Iskola li kienu ġew approvati u li kienu ser ikunu ssponsorjati mill-istess Green MT, il-Kunsillier Ismael Dalli kkonferma li kienu għadhom ma sarux. — Laqgħa GREEN MT – Bins

xi. Il-Kunsillier Ismael Dalli kkonferma li l-bin tat-tessuti kienet tpoġġiet waħda biss u li kienet dik ta' Triq Santa marija quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill. Sadanittant nforma wkoll lill-Kunsillieri li dwar il-bin tal-ħwejjeġ l-oħra li kellha titpoġġa fi Triq il-Ħaġar kien ser jerġa jkellem lill-operatur. — Bns tat-Tessuti

xii. Is-Seg. Eżek. nfurmat lill-Kunsill li fir-rigward t-talba biex isir *traffic management* ġdid fi Triq B'bugia kien ried jirraporta s-Sindku għaliex it-TM kienet kelmet direttament lilu. — Triq B'Bugia

xiii. CIRKOLARI DLG 8/2016 – LIBRERIJI. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li kienu tħallsu mid-Dipt. għall-kotba li kienu nxtraw. — CIRKOLARI DLG 8/2016 – LIBRERIJI

xiv. CIRKOLARI DLG 9/2016 – Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi 2016 . Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li d-Dipartiment kien bgħat biss *acknowledgement* li waslitlu l-applikazzjoni tal-Kunsill. Fakkret ukoll li l-Kunsill kien għamel it-talba għas-salib ta' Triq Tempji Neolitiċi k/m Triq Sta Marija. — CIRKOLARI 9/2016 – Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi 2016

xiv. Il-Viċi Sindku flimkien mal-kunsillieri kkonfermaw li l-laqgħa mal-kumitat tal-festa kienet saret nhar is-16 ta' Jannar 2017 fi 7:00pm fejn waqt din l-istess laqgħa kienu ġew iccarati ħafna punti. — Laqgħa Kumitat tal-Festa

xv. Rigward ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill qabel li jibqgħu mad-deċiżjoni li jistennew direzzjoni mingħand l-Assoċ. Kunsilli Lokali. — ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

xvi. Is-Seg. Eek. infurmat lill-Kunsill li konna għad ma rċevejna xejn mingħand il-WEEE dwar l-iskip għal rimi ta' oġġetti żgħar li jaħdmu bl-elettriku. — WEEE – Skip rimi Skart Elettroniku

xvi.i Il-Kunsillier Frans Agius qal li kien ikun iktar utli li kieku ppropone w kontenitur li fih jinġabar skart bħal bozzoz u tubi għaliex il-pubbliku kien qed jintbgħat f'Amenity Sites.

xvi.ii Il-Kunsillier Ismael Dalli ssuġġerixxa li forsi jkun jista' jsir post fejn ikun hemm xi ħadd b'van li imqar għal darba fix-xahar ikun fixed point u l-pubbliku ikun infurmat u jmur jarmi dan it-tip ta' skart elettriku hemmhekk.

xvi.iii Is-Seg. Eżek. staqsiet lill-Kunsillier Ismael Dalli jekk kellux f'moħħu li tinħareġ tender jew kellux il-ħsieb ta' xi ħadd forsi voluntier. Il-Kunsillier Bonavia wieġeb lis-Seg. Eżek. li dan ma setax isir għaliex ftit tax-xhur ilu daħlu fis-seħħ ir-regolamenti li jekk wieħed imur fl-Amenity Sites b'commercial vehicle irid ikun irreġistrat. Is-Seg. Eżek. wieġbet li kien proprju għalhekk li staqsiet jekk kienx hemm il-ħsieb ta' tender. Żiedet tispjega li lill-Kunsill diġa żdiedulhu l-ispejjeż fuq it-tender tal-bulky refuse għaliex minn meta daħlet tal-WEEE il-Kunsill kellu jżid ġurnata oħra minħabba li l-iskart li jaħdem bl-elettriku kellu jkun seperat minn skart ieħor u li l-Kunsill kien qed iħallas per household u mhux per item.

xvi.i.i Hawnhekk il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssuġerixxa li peress fir-raħal hemm diversi ħwienet li jbiegħu bozzoz u tubi u oġġetti simili u għaldaqstant issuġġerixxa li niktbulhom u nistaqsuhom humiex lesti li joffru s-servizz li kull min jixtri bozza jew tubu ġdid miegħu jġib l-ħażin u jarmih għandu. Żied jgħid li filwaqt li aħna bħala apprezzament lejn dawn il-ħwienet imbagħad nagħmlulhom xi forma ta' reklamar. Meta s-Seg. Eżek. ġibdet l-attenzjoni kif kien ser ikollna kontroll fuqhom, bħal per eżempju l-użu korrett tagħhom, il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssuġġerixxa li jsiru spot checks u li jekk ikun hemm bżonn imorru anke l-istaff tal-Kunsill jiċċekkjaw. Is-Seg. Eżek. ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li ħadd mill-istaff ma kien ser jagħmel dan ix-xogħol għaliex dan ma kienx xogħlhom. Hawnhekk il-Kunsillier Bonavia wieġeb li l-istaff tal-Kunsill kien qiegħed hemm biex jaħdem fuq l-affarijiet tal-Kunsill. Is-Seg. Eżek. reġgħet thenniet li ħadd mill-impjegati ma kien ser jagħmel xogħol li mhux fir-responsabbilta' tiegħu. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia wieġeb li jekk kien hemm bżonn niċċekkjaw ċerta affarijiet. Is-Seg. Eżek. għal darb'oħra reġgħet thenniet li l-istaff tal-Kunsill kienu impjegati klerikali u mhux inspector. Hawnhekk il-Kunsillier Bonavia qal li f'dak il-każ meta jidħol xi ħadd ieħor jidħol b'dawn il-kundizzjonijiet. Is-Seg. Eżek. weġbitu li f'dak il-każ is-sejħa toħroġ għall- inspector u mhux skrivan. Hawnhekk l-Kunsillier Frans Agius qal li jekk ikun il-bżonn tinħareġ sejħa. Is-Seg. Eżek. weġbitu li l-Kunsill diġa kellu l-full compliment tal-impjegati. La l-Kunsilliera Doris Vella u lanqas il-Viċi Sindku ma qablu mal-Kunsillier Lawrence Bonavia. Hawnhekk peress li l-Kunsillier Bonavia u s-Seg.Eżek. baqgħu jargumentaw, l-Viċi Sindku ntervjena u talab lill-Kunsillier Lawrence Bonavia biex fil-każ sa' laqgħa oħra li jmiss jipprepara rapport u jittressaq għad-deċiżjoni tal-Kunsill. Il-Kunsillier Bonavia aċċetta.

xviii.i **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**61.4** Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li hawnhekk kellha ssir site inspection u li kellna niktbu lit-TM u kollox. Is-Seg. Eżek. weġibtu li dan ma kienx skond il-Minuti li kienu għadhom kemm ġew approvati u ffirmati. Żiedet tgħid li kien hu li kellu jġib id-dettalji biex naraw jekk konniex qed nitkellmu fuq l-istess wieħed. Il-Kunsillier Bonavia wieġeb li kien irraporta liema huma l-garaxxijiet. Is-Seg. Eżek. weġibtu li dan makienx minnu u kien għalhekk li fil-Minuti nkiteb hekk. Il-Kunsillier Bonavia nsista li l-individwu min kien ma kienx qal imma l-garaxxijiet kulħadd kien jaf liema huma. Is-Seg. Eżek. reġgħet thenniet li le fil-laqgħa preċedenti ma kienx ta' dettalji tal-garaxxijiet bħal numri u/jew isem, infatti fil-Minuti hekk kien hemm miktub. Il-Kunsillier Bonavia indirizza direttament lis-Seg. Eżek. u qalilha li d-diskors setgħet iddawru kif trid u li hu kien ser jitlaq il-barra għax ma jiflaħx u għax l-aħħar darba tkellimna mod ieħor. Hawnhekk il-Kunsillier Bonavia mbotta s-siġġu lura u qam biex jitlaq. Il-Viċi Sindku sejjaħlu biex jieqaf ħalli jiddiskutu. Il-Kunsillier Bonavia wieġbu li setawx iduru l-affarijiet. Is-Seg. Eżek. weġbitu li ma kien dar xejn u dak li kien ġarha u ntqal fil-laqgħa kienet kitbet hi fil-Minuti li kienu ġew iffirmati u approvati mill-Kunsillieri kollha preżenti. Hawnhekk il-Kunsillier Bonavia kkonferma li veru hekk kien hemm miktub fil-Minuti filwaqt li ammetta li l-Minuti ma kienx qrahom. Filwaqt li għal darb'oħra indirizza direttament lis-Seg. Eżek . u qalilha li dakinhar dak li kien qalilha. U li kienet hi li kienet semmiet persuna speċifika u li hu kien qalilha li mhux ser jgħidilha minn hi. Is-Seg. Eżek. wieġbet li mhux id-dettalji tal-persuna minn qal li kienet kelmitu kellu jressaq quddiem il-Kunsill imma d-dettalji tal-garaxx. Hawnhekk il-Kunsillier Bonavia għal darb'oħra indirizza direttament lis-Seg.

Marki quddiem garaxxijiet fi Triq Dun Karm Sant

Eżek. u qalilha li ma setax ikun li nagħmlu xi ħaġa u n-nies idumu xahrejn biex niċċekkjawlhom. Is-Seg. Eżek. reġgħet għal darb'oħra nfurmatu li hekk kif kien hemm fil-Minuti kien is-Sindku li kellu jiċċekkja u fil-każ kellu jgħid lilu. Hawnhekk il-Kunsillier Bonavia weġibha u rrimarka li mhux sewwa li għax persuna tgħid li trid il-lines isirulha mill-ewwel u jekk joħloq inkonvenjent indumu xahrejn biex inneħħuhom. Hawnhekk is-Seg. Eżek. talbitu jiċċara kliemu u jgħid mela x'inkonvenjent kien inħoloq għaliex bħala Kunsill l-anqas dan ma konna nafu. Il-Kunsillier Bonavia wieġeb li kien diġa qalilha x'inhuma. Is-Seg. Eżek. wieġbet li le ma kenitx taf u li saħansitra l-liġi kif inhi tgħidlek li jekk xi ħadd jipparkja l-karozza quddiem garaxx biex din tiċċaqlaq minn hemm trid tipprova li ser iddaħħal l-vettura fil-garaxx għaliex dan kien li qed jingħadilna mingħand il-pulizija. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia staqsiha jekk allura kenitx taf liema wieħed minn dawk l-erbgħa garaxxijiet kien li ma setax idaħħal il-karozza fil-garaxx? Is-Seg. Eżek. Għal darb'oħra l-Kunsillier Bonavia reġa thenna li ma kienx ser jgħidilha min hu u li kien hemm problema f'dawk il-garaxxi. Is-Seg. Eżek. weġibtu li safrattant tlett sidien minn erbgħa riedu l-kaxxi għaliex proprju okkupant ta' garaxx minnhom kien qed jipparkja l-vettura b'tali mod li kien qed jostakola d-dħul u l-ħruġ mill-garaxxijiet l-oħra u kellhom ta' kull darba jgħidulu biex iċaqlaq il-vettura. Kif għidtlu heHawnhekk il-Kunsillier Bonavia wieġeb lis-Seg. Eżek. li l-lines kienu qegħdin ħżiena u li kellna niktbu lit-TM. Is-Seg. Eżek. insistiet li dan ma kienx minnu u li ried jimxi mal-Minuti hekk kif approvati u ffirmati. Il-Kunsillier Bonavia weġibha li s-Sindku kellu jiċċekkja u mhux hu u baqa jinsisti li kellna niktbu lit-TM. Filwaqt li s-Seg. Eżek. baqgħet tinsisti li l-Kunsill kellu jimxi mal-Minuti. Hawnhekk il-Kunsillier Bonavia rrimarka li ma setax ikun li l-Minuti jirċevuhom ftit jiem qabel. Is-Seg. Eżek. weġibtu li ladarba hija kienet imxiet mal-Liġi ma setgħa jgħidilha xejn u allura n-nuqqas ma kienx tagħha imma tiegħu għaliex il-minuti ma kienx qrahom. Il--Viċi Sindku talab lill-Kunsillier Bonavia u lis-Seg. Eżek. biex jieqfu. Filwaqt li l-Kunsillier Bonavia wieġbu li le ma kienx ser jaqtgħha għaliex din kienet kwistjoni li hemmhekk kienu saru lines u ma kienux sarux skond direzzjoni tat-TM. Il-Kunsillier Bonavia staqsa lis-Seg. Eżek. jekk kienx hemm permess tat-TM u s-Seg. Eżek. weġibtu li aktarx li le ma kienx hemm. Għaldaqstant il-Kunsillier Bonavia rrimarka li l-lines mela kellhom jitneħħew. Is-Seg. Eżek. insistiet li allura mhux jitneħħew imma niktbu lit-TM u tikkonsidra hi għax hi l-Awtorita'. Hawnhekk il-Kunsillier Bonavia dahar fuq is-Seg. Eżek. u staqsiha għaliex kellu jkun –individwu li jrriaporta? Is-Seg. Eżek. weġibtu biex jgħid min qatt kien qallu li kellu jmur xi individwu jirraporta t-TM? Il-Kunsillier Lawrence Bonavia staqsiha allura kif kienu ser jitneħħew? Is-Seg. Eżek. weġbitu li allura jekk kienu waslu s'hemm kull ilment li kien jidħol biex isiru l-linji kienet ser tibda ttellgħu quddiem il-Kunsill għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Il-Kunsillier Bonavia weġibha li jekk dak kien il-bżonn iva hekk kellu jsir. Hawnhekk il-Viċi Sindku Keith Darmanin staqsa lill-Lawrence Bonavia jispjega. Hawnhekk Lawrence Bonavia wieġeb li hu l-aħħar laqgħa jiftakar li għalkemm veru li ma kenitx fil-Minuti u li kien tort tiegħu għax ma leħaqx qrahom il-Minuti għax kieku kien jikkontestahom u jammettija imma kien ma jiflaħx. Żied jgħid ukll li fl-aħħar laqgħa ntqal li kellha ssir inspection u hu qal x'kienet il-problema u mhux imbilli jingħa li għax issemma xi ħadd li mhux qed idaħħal karozza għax store u mhux store u li hu qal li mhux ser jgħid min hu jew ħaddieħor gerger u kollox imma meta tkellem fuqha lilu qalulu biex għid min u hu qalilhom li le mhux ser jgħid min għaliex il-persuna kienet talbitu biex ma ngħidx. Is-Seg. Eżek. ġibdet l-attenzjoni li ma kenitx il-problema li l-Kunsill iżomm l-anonimat imma r-rapport fil-Kunsill ried jidħol kollu u dan hekk kif wara kollox dejjem ġara. Hawnhekk Lawrence Bonavia reġa qam bil-wieqfa u għal darb'oħra ndirizza lis-Seg. Eżek. u qalilha li jekk imma jiġi hu bħala Kunsillier irid jidħol rapport mingħand is-sebgħa kunsillieri li aħna, ma tista toħroġ l-ebda ordni biex issir xi ħaġa jekk m'hemmx rapport mill-individwu. Żied jgħid li għax kull min hemm fil-Kunsill is-sebgħa li huma Kunsilliera ndaqs quddiem il-liġi. U qal li kien qed jagħmilha ċara. Is-Seg. Eżek. staqsietu jekk qattx qalet li le ma kienx hekk? U Lawrence Bonavia wieġibha li jekk jmur xi ħadd u jmur għand xi ħadd ieħor, hu min hu, preżenti u mhuwiex, u dik ix- xi ħaġa ssir mingħajr rapport. Hawnhekk għal darb'oħra s-Seg. Eżek. waqfietu u talbietu jiċċara d-diskors. U hawn il-Kunsillier Bonavia wieġeb li għalkemm f'dik il-laqga kienu qegħdin ħamsa minn sebgħa, jekk jagħmel rapport hu kellu jagħmel rapport kulħadd. Il-Kunsillier Bonavia thenna u qal li kulħadd inkluż Luke Genuis u Pawlu Farrugia. Kollha l-istess. Is-Seg. Eżek. thenniet li ma kenitx qed tifhem għaliex kien qed jgħid hekk. Filwaqt li l-Kunsillier Bonavia weġibha li hija kienet qed tgħidl li jrid isir rapport bil-miktub dan irid isir minn kull Kunsillier l-istess. Hawnhekk is-Seg. Eżek. weġibtu li iva hekk isir rapport u dejjem hekk sar. Lawrence Bonavia staqsiha għaliex kienu qed jirrappreżentaw in-nies hemm barra jekk mhux biex iressqu l-ilmenti tagħhom? Is-Seg.

Eżek. weġibtu li għalxejn kien qed jinsisti magħha għaliex hija kienet ser nimxi mal-Minuti li ġew approvati u ffirmati. U li għalhekk kellu jissottometti d-dettalji biex ma jinqalax dan id-diżgwid. Hawnhekk il-Kunsillier Bonavia weġibha li kien diġa qallila li kienu huma dawk l-erbgħa garaxxijiet. Għal darb'oħra is-Seg. Eżek. talbitu biex jekk jogħġbu jagħtiha n-numru tal-garaxx u hu weġibha li hija suppost taf fejn saru. Is-Seg. Eżek. weġibtu li jekk hu kellu rapport hu kellu jagħti d-dettalji u mhux hi għax ir-rapport hu kien ħadu. Hawnhekk il-Kunsillier Bonavia rrimarka u qal li l-linjis kienu qed isiru mingħajr approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Seg. Eżek. lill-preżenti jekk qatt l-linji kienux jitilgħu għall-approvazzjoni tal-Kunsill? U filkaż għaliha ma kenitx ser tkun problema għax kienet ser tibda ttellagħhom. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia weġibha u qalilha li le mhux approvazzjoni tal-Kunsill. U staqsiha jekk dawk li marru jagħmlu l-lines marrux mingħajr ma s-Segretarju Eżekuttiv ma kien jaf? Is-Seg. Eżek. weġibtu li dażgur li kienet taf. Hawnhekk il-Kunsillier Bonavia weġibha li allura kienet taf fejn huma l-lines. Is-Seg. Eżek. weġibtu li le mhux minnu dak li kien qed jgħid għax f'dik it-triq in partikolari kważi kważi kienu ċemplu r-residenti kollha biex isiru l-linji u l-kaxxi. Għax kif kienet titlesta parti mit-triq pronti pronti kienu jċemplu xi ġirien biex jaraw jekk nistgħux nagħmlu ta' quddiemhom ukoll. Hawnhekk Lawrence Bonavia staqsa lis-Seg. Eżek. kif kienet qed tistaqsi liema kienu meta hija stess fl-aħħar laqgħa kienet qalet li kien hemm wieħed li kien jużah bħala store minflok garaxx? Is-Seg. Eżek. weġbitu li hi fl-aħħar laqgħa kienet irrappurtat, u dan id-diskors kien qiegħed fil-Minuti, li l-aħħar li saru linji kienu quddiem erba' garaxxijiet. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia weġibha li hu kien qalilha li dawk kienu. Hawnhekk il-Viċi Sindku għal darb'oħra reġa talab lill-Kunsillier Lawrence Bonavia u lis-Seg. Eżek. sabiex jieqfu u l-Kunsillier Lawrence Bonavia baqa' għal darba tnejn tlieta jirrepeti hu kien qalilha li dawk kienu. Il-Viċi Sindku beda jsiktu u talbu kemm il-darba biex jieqaf imma dan ma waqafx. Is-Seg. Eek. ukoll talbet lill-Kunsillier Bonavia biex jieqaf jinsisti għaliex hu kellu jżomm mal-Minuti ffirmati u approvati. Il-Kunsillier Bonavia baqa' jinsisti u qal lis-Seg. Eżek. li kien diġa spjega x'kienet ir-raġuni. Hawnhekk is-Seg. Eżek. qamet u ddikjarat li kienet qed tissosspendi l-laqgħa u ħarġet mill-kamra.

Il-laqgħa ġiet sospiża fi 19:45hrs.

Id-data għat-tkomplija ta' din il-laqgħa kienet ser tiġi diskussa mas-Sindku ladarba jirritorna lura.

Iffirmat

________________________

**Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ**
**Sindku**

Iffirmat

__________________________

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek.**